tifsir ta' aġġettiv superlativ, bħal *foremost* = quddiem nett, *aftermost* = wara nett, *inmost* = ġewwa nett. Mela *nett* hija partiċella li xi drabi tagħmel is-superlativ. L-ebda Grammatka tal-Malti, barra minn dik ta' A. Cremona, li għadha kemm ħarġet, ma ssemmi dan l-użu tal-klejma *nett* (Ara *Tagħlim il-kitba Maltija* faċċ. 168). Għalhekk hu ħażin li tikteb: *it-tieni nett*, *it-tielet nett*, għaliex dawn il-kelmiet ma għandhomx u ma jistâx ikollhom tifsira superlativa.

BASSÂS; ħadd ma jkemmex xufftejh! Barra mit-tifsira li kulħadd jaf, din il-kelma għandha tifsira oħra, li għadha ħajja fil-Malti, li aktarx kulħadd jafha, iżda li mhux kulħadd jaf xi tfisser sewwa. Vassalli u Dessoulavy ma jġibuhiex. Falzon u Caruana jaħbtu jersqu bla ma jaslu. Wieħed li jitkixxef, biex iwassal lil ħaddieħor dak li jara u jisma' ma ngħidulux *bassâs*? Mela *bassâs* hu *spjun*. U din it-tifsira taqbel mal-Għarbi. Falzon u Caruana jagħtu lill-verb *bass* it-tifsira: *svelare un segreto*. Imma fil-Għarbi l-verb *bass*, li minnu ġej in-nom *bassâs*, ifisser: ħares minn taħt, bis-serqa, tkixxef (ara DOZY *Suppl. aux Dict. Arabes*). Ma nafx jekk il-verb *bass* għadniex ngħiduh f'dan is-sens. Hu xinhu din it-tifsira tingħażel mit-tifsira l-oħra tal-verb *bass* u ma nistgħux inqisuha bħala tifsira *figurativa*, bħalma jagħmlu Falzon u Caruana.

P. P. SAYDON

# Poëti t-tnejn

Lil ħabibi ĠUŻÈ CHETCUTI
poëta ta' Art twelidi.

*"Li kieku kont taf sew qalbi kemm tħobbok,*
*kont tisraqhieli u tħallini b'xejn!"*

V.E.K.A.

Il-kwiekeb jaqgħu, u tintemm id-dinja,
jitqanqal baħar illi jibla' l-art;
iżda le, ma tintemm l-imħabba tagħna,
ġnien wieħed mimli b'ħafna lwien ta' ward.

Tiftakar meta f'darek int ilqajtni
bdew ħaddejk u ħadejja jtajru n-nar?
Jien b'ruħi f'ruħek, w-inti b'qalbek f'qalbi,
bik kont qed noħlom jiena lejl u nhar!

Serqitni mħabbtek, safja, lejn Ilsienna
u għanjietek ħallietni bħal mitluf...
Jekk jiġi żmien li nqum minn din it-telfa,
klejjel indommlok biex int tkun magħruf.

Kemm drabi ħlomtok jien tishar maġenbi
fil-ljieli kollha ħemda w-kollha skiet
u dlonk b'qalb waħda konna mbagħ'd nittajru
mitlufa t-tnejn fil-għoli tas-smewwiet!

ROMEO L. PSAYLA